**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva HOYA bil-kuluri isfar, blu u iswed – Trade mark tal-Unjoni Nru 10 612 166

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' revoka

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-21 ta' Jannar 2020 fil-Każ R 962/2019-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tilqa' t-talba għal revoka tar-rikorrenti fl-intier tagħha;

— tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjenti għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 95(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-projbizzjoni ta' reformatio in peius u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' April 2020 – Almea vs EUIPO – Sanacorp Pharmahandel (Almea)**

**(Kawża T-190/20)**

(2020/C 191/49)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Almea Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: R. Furneaux u E. Humphreys, Solicitors)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Sanacorp Pharmahandel GmbH (Planegg, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva tal-Unjoni "Almea" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 030 126

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta’ oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-15 ta’ Jannar 2020 fil-Każ R 246/2019-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tiddeċiedi dwar l-ispejjeż tal-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell u l-Qorti Ġenerali.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fid-9 ta’ April 2020 – Tikal Marine Systems vs EUIPO – Ultra Safety Systems (Ultra Tef-Gel)**

**(Kawża T-192/20)**

(2020/C 191/50)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Tikal Marine Systems GmbH (Norderstedt, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Mahnkopf, lawyer)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Ultra Safety Systems Inc. (Mangonia Park, Florida, l-Istati Uniti)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “Ultra Tef-Gel” – Trade mark tal-Unjoni Nru 15 369 739

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-29 ta’ Jannar 2020 fil-Każ R 2499/2018-4

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tat-28 ta’ Novembru 2018;

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tiddikjara t-trade mark kontenzjuża valida;

— tikkundanna lill-konvenut u lill-intervenjent għall-ispejjeż.